MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 17 ta' Novembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**

**Vs**

**Sara Favale**
**(Karta tal-Identita' Taljana bin-numru AY 7403984)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Sara Favale** talli fis-16 ta' Novembru 2022 ghall-habta tas-18:55hrs u l-hinijiet ta' qabel gewwa l-hanut bl-isem 'Misc and Co Clothing', sitwat gewwa Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Baħar u/ jew fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer Maltin:

1. Ikkommettiet serq sempliċi ta' hwejjeg b'valur ta' madwar 100 euro għad-dannu ta' Christian Micallef.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputata ammettiet ghall-imputazzjoni addebitata lilha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet ghall-imputazzjoni migjuba kontra taghha. Il-Qorti, wara li semghet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti tqis li ghalhekk din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghda tinstab hatja l-imputata, il-fedina penali taghha li hija wahda netta, u wkoll il-fatt li ma' l-ewwel okkazjoni l-imputata ammettiet il-htija taghha u li hija ghadha ta' eta` zghira. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li r-*res furtiva* giet ritornata. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-opinjoni illi m'ghandhiex titratta mal-imputata b'piena karcerarja. Madankollu, bis-sentenza li se tinghata, l-imputata trid toqghod ferm attent li ma tikkommettix xi reat kriminali iehor ghaliex altrimenti dawn il-Qrati jkollhom jitrattaw maghha mod iehor.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 284 tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputata Sara Favale hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, u ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

Finalment, il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hatja fi kliem car, tramitè t-traduttur, kemm ir-responsabbilità taghha u x'jigri jekk hi tikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' sena (1) mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Registratur**